DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 14/2008

ta' l-1 ta' Frar 2008

li temenda l-Anness XX (l-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XX tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 169/2007 tas-7 ta' Diċembru 2007 [1].

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/457/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Deċiżjonijiet 2001/689/KE, 2002/739/KE, 2002/740/KE, 2002/741/KE u 2002/747/KE sabiex ittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja għal ċerti prodotti [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/506/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja għas-spapen, *shampoos* u *conditioners* tax-xagħar [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XX tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jkun miżjud fil-punti 2c (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/689/KE) u 2o (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/747/KE):

   "— **32007 D 0457**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/457/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 29)."

2. Dan li ġej għandu jiġi miżjud ma' punti 2v (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/739/KE), 2w (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/740/KE) u 2x (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/741/KE):

   ", kif emendat b'li ġej:

   — **32007 D 0457**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/457/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 173, 3.7.2007, p. 29)."

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 2x (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/741/KE):

   "2y. **32007 D 0506**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/506/KE tal-21 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja għas-spapen, *shampoos* u *conditioners* tax-xagħar (ĠU L 186, 18.7.2007, p. 36)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjonijiet 2007/457/KE u 2007/506/KE fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

[1] ĠU L 124, 8.5.2008, p. 37.
[2] ĠU L 173, 3.7.2007, p. 29.
[3] ĠU L 186, 18.7.2007, p. 36.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-2 ta' Frar 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.